Lil Andrea, Kbir Appostlu
Jixraq wisq li nonoraw
U bħala protettur tagħna
Lilu mmorru nimitaw.



## Anniversarji:

# Iż-żjara tal-President tal-Istati Uniti tal-Amerika Franklyn D. Roosevelt

## Ajruport ta' Ħal Luqa, l-Erbgħa 8 ta' Diċembru, 1943

**Richard J. Caruana**

Hekk kif il-President tal-Istati Uniti tal-Amerika Franklin D. Roosevelt telaq mill-villa fejn kien qiegħed joqgħod waqt il-Konferenza tal-Kajr (Eġittu) ftit wara s-seba' u nofs ta' filgħodu tal-Erbgħa, 8 ta' Diċembru 1943, ingħata s-salut mis-*Second Battalion*, *Consolidated Guards*. L-ajruplan *Douglas C-54 Skymaster* tal-Qawwa tal-Ajru Amerikana (USAAF) kien qed jistennih fil-mitjar ta' El Aouina minn fejn telaq fit-tmienja u disa' minuti lejn Malta. Fuq dan l-ajruplan, minbarra Roosevelt, kien hemm delegazzjoni mdaqqsa magħmula minn Harry L. Hopkins, William D. Leahy, il-Ġeneral Dwight D. Eisenhower, il-Logutenent Ġeneral Spaatz, Wilson Brown, Ross T. McIntire, il-Ġeneral Edwin M. Watson, il-Maġġur Ġeneral Bedell Smith, il-Maġġur John Boettiger, il-Logutenent Kmandant Fox, il-Logutenent Rigdon, is-Surġent Robert Hopkins, u l-Aġenti tas-Servizz Sigriet Reilly, Spaman, Beary, Behn u Fredericks. Id-DC-54 kien eskortat minn tnax-il *Lockheed P-38 Lightning* li magħhom ingħaqdu madwar tmien *Spitfires* minn Malta hekk kif beda joqrob lejn il-Gżira tagħna.[1]

L-ajruplan tal-President Amerikan daħal fil-mitjar ta' Ħal Luqa min-naħa ta' Wied il-Knejjes fejn niżel eżattament fl-għaxra nieqes għaxra. Ta' min isemmi li tniżżel b'ħila kbira mill-bdot, il-Maġġur Bryan, mingħajr l-użu tal-*flaps* minħabba ħsara teknika, imma tista' tgħid li ħadd ħlief il-kru tekniku ma sar jaf b'dan. Hekk kif iċ-*C-54* waqaf f'postu, tela' fuq l-ajruplan biex jilqgħu l-Gvernatur u Kmandant ta' Malta Lord Gort. [2] Roosevelt, li kien paralitiku minħabba li kienet ħakmitu l-marda tal-polio fl-1921 (fl-età ta' 39 sena), tniżżel minn fuq l-ajruplan f'siġġu tar-roti u tpoġġa f'Willis Jeep[3] li minn fuqha spezzjona Gwardja tal-Unur iffurmata mir-Reġiment tar-*Royal Air Force* u stakkament ta' *Marines* tar-*Royal Navy,* waqt li ttellgħet il-bandiera tal-Istati Uniti; din kienet l-ewwel okkażjoni fejn l-i*Stars and Stripes* qatt perpret fil-Gżejjer Maltin.[4]

Wara li Lord Gort ippreżenta numru ta' uffiċjali u personalitajiet għoljin - fosthom l-*Air Vice-Marshal* Sir Kenneth Rodney Park u l-Monsinjur Mikiel Gonzi f'isem



Il-wasla tal-President Franklin D. Roosevelt, fl-isfont tidher il-Knisja ta' Ħal Luqa

l-Arċisqof li kien indispost - lill-President Amerikan, Roosevelt qara diskors biex jagħti ġieh lil Malta u lill-Maltin tal-qlubija tagħhom fil-ġlieda għall-libertà. [5] Ta' min jiriproduċi d-diskors kollu fil-forma oriġinali biex ikun jista' jiġi apprezzat aħjar:

"*Lord Gort, officers and men, good people of Malta:*

*Nearly a year ago the Prime Minister and I were in Casablanca - shortly after the landings by British and American troops in North Africa - and at that time I told the Prime Minister some day we would control once more the whole of the Mediterranean and that I would go to Malta.*

*For many months I have wanted on behalf of the American people to pay some little tribute to this island and to all of its people - civil and military - who during these years have contributed so much to democracy, not just here but all over the civilized world. And so, at last I have been able to come. At last I have been able to see something of your historic land. I wish I could stay but I have many things to do. May I tell you though that during these past three weeks the Prime Minister and I feel that we two have struck strong blows for the future of the human race.*

*And so, in this simple way, I am taking the opportunity to do what all the American people would like to join me in doing. I have here a little token - a scroll, a citation - from the President of the United States, speaking in behalf of all the people of the United States. And may I read it to you:*

"*In the name of the people of the United States of America, I salute the Island of Malta, its people and defenders, who, in the cause of freedom and justice and decency throughout the world, have rendered valorous service far above and beyond the call of duty.*

"*Under repeated fire from the skies, Malta stood alone, but unafraid in the center of the sea, one tiny bright flame in the darkness - a beacon of hope for the clearer days which have come.*




Il-President tal-Istati Uniti tal-Amerika, Franklin D. Roosevelt, fil-*Willis Jeep* ftit wara li wasal bl-ajruplan f'Malta. Fuq il-lemin tidher ir-rampa li minn fuq l-ajruplan intużat biex il-President tniżżel fuq siġġu tar-roti.



Il-Willis Jeep kienet modifikata apposta biex tkun tista' tintuża mill-President Roosevelt, speċjalment dak il-poġġaman biex ikun jista' jżomm miegħu. Ta' min jinnota l-isem 'Husky' fuq il-bonnet tal-*Jeep*. Din il-*Jeep* illum tinsab fil-Mużew tal-Gwerra, Sant'Iermu, l-Belt Valletta




Il-President jispezzjona Gwardja tal-Unur iffurmata minn suldati Maltin.
Bilqegħda eżatt warajh hemm il-Gvernatur ta' Malta Lord Gort




Stakkament ta' *Royal Marines* jagħtu s-salut lill-Presient Amerikan

*"Malta's bright story of human fortitude and courage will be read by posterity with wonder and with gratitude through all the ages.*

*"What was done in this Island maintains the highest traditions of gallant men and women who from the beginning of time have lived and died to preserve civilization for all mankind. "Dated December 7, 1943.*

*Signed FRANKLIN D. ROOSEVELT."*

*I have signed it at the bottom and I wrote on it not today but yesterday, December 7, because that was the second anniversary of the entry into the war of the American people. We will proceed until that war is won and more than that, we will stand shoulder to shoulder with the British Empire and our other allies in making it a victory worthwhile."* [6]

Appena l-President spiċċa d-diskors tiegħu, il-Maġġur John Boettiger (tabib personali tal-President) ippreżenta l-Iskroll biċ-Ċitazzjoni ta' Ġieh lil Lord Gort. Min-naħa tiegħu il-Gvernatur ta' Malta irrisponda fil-qasir bi kliem ta' ringrazzjament għad-diskors tal-President Amerikan. [7] Skont il-protokoll maqbul minn qabel, iċ-ċermonja kellha ssir kollha kemm hi fil-mitjar ta' Ħal Luqa u tintemm hemm, biex Roosevelt jerġa' jirkeb l-ajruplan u jitlaq. Imma minħabba l-ħsara fl-ajruplan kien hemm bżonn li jittardja t-tluq b'madwar siegħa sa kemm jissewwa l-impjant tal-*hydraulics* li jħaddem il-*flaps*.

Kien għalhekk li Lord Gort stieden lil Roosevelt biex jieħdu jara xi nħawi ta' Malta fil-karozza tiegħu. Fost l-aktar postijiet milquta ħażin mill-attakki tal-għadu kien hemm iż-zona ta' madwar it-Tarzna tal-Ammiraljat, u li f'dak iż-żmien kienet għadha xiehda tat-tbatija u s-sagrifiċċju tal-poplu Malti. Il-President Amerikan għadda mill-Marsa, Raħal Ġdid, Ħaż-Żabbar, Rikażli, Kalkara, Birgu, l-Isla u Bormla.[8] Wara ftit aktar minn siegħa, il-President Roosevelt irritorna fil-mitjar f'nofsinhar nieqes kwart. Kien għad ma ntemmx ix-xogħol ta' tiswija, u għalhekk il-President ippranza fuq l-ajruplan sakemm kollox kien lest biex jitlaq. Il-kumplament tad-delegazzjoni telgħu huma wkoll biex fis-siegħa u għaxar minuti ta' wara nofsinhar iċ-C-54 nqata' minn fuq ir-*runway* fi triqtu lejn Castelvetrano fi Sqallija.

Ta' min jgħid xi ħaġa fuq l-iskroll innifsu, għax kien rigal verament oriġinali. F'Awissu tal-1943, ħabib personali tal-President Roosevelt, is-Sur Thayer Lindsley, issuġġerixxa li Malta tingħata l-*Congressional Medal of Honour* waqt iż-żjara li l-President kellu ppjanata għal Diċembru tal-istess sena. Iżda l-liġijiet Amerikani ma kienux jippermettu dal-ġest u għalhekk minflok intalab li skroll ta' 16-il pulzier b'erbgħa u għoxrin pulzier jiġi maħdum fl-Istamperija tal-Gvern f'Washington D.C. li minbarra l-armi tal-Istati Uniti, l-Ingilterra u ta' Malta ikun iddekorata kif xieraq.[9]

Id-Direttur tal-Istamperija tal-Gvern, Frank Mortimer, ħa l-inkarigu personali speċjalment biex tinżamm is-segretezza. Xogħol fuq l-iskroll nbeda fit-18 ta' Novembru 1943 u sar kollu bl-idejn fuq parċmina maħduma minn ġild tan-nagħaġ b'ittri '*Gothic*', minbarra l-ewwel paragrafu li kien b'ittri '*Roman*'. Inħadem gwarniċ minn injam tal-ġewż u kaxxa biex tiddaħħal fiha u b'hekk tkun tista' tinġarr mingħajr ħsara. Ix-xogħol kollu tlesta fl-24 ta' Novembru u twasslet il-*White House* ħmistax-il minuta biss qabel il-ħin miftiehem![10]

Lord Gort talab permess mingħand il-President Roosevelt biex fuq il-ħajt tal-Palazz li jagħti għal fuq Pjazza San Ġorġ titwaħħal riproduzzjoni tal-iskroll b'ittri tal-bronz fuq plakka tal-irħam "bħala monument permanenti ta' din l-okkażjoni




Eżatt wara l-ispezzjoni tal-gwardja tal-unur il-President Amerikan għamel diskors qasir li fih qara ċ-Ċitazzjoni ta' Ġieħ li mbagħad ippreżenta lill-Poplu Malti. Dan ir-ritratt juri din il-parċmina ddekorata bil-gwarniċ tal-injam tal-ġewż fuq ix-xellug u l-għatu bl-Arma ta' Malta fuq il-lemin li jservi ta' għatu

unika."[11] Din għadha hemm sal-lum u tista' tgħid li kuljum tara turisti jeħdulha r-ritratti, flimkien maż-żewġ irħamiet l-oħra li jfakkru l-Indipendenza ta' Malta fl-1964 u r-Repubblika ta' Malta fl-1974.

Din l-okkażjoni tfakkret ukoll bil-ħruġ ta' bolla mill-Posta Ġenerali ta' Malta fl-1956. Din tirriproduċi l-Iskroll fuq in-naħa tal-lemin, wiċċ ir-Reġina Eliżabetta II fuq ix-xellug u ġġib il-valur ta' erba' soldi u nofs. Isfel nett hemm il-kelma 'Malta' li għandha s-salib ta' tmien ponot fuq ix-xellug tagħha u l-*George Cross* fuq il-lemin.

© Richard J. Caruana – 2013




Il-bolla li ġiet ippubblikata fl-1956 mill-Posta Ġenerali ta' Malta li turi ċ-Ċitazzjoni tal-President Amerikan F.D. Roosevelt, bil-valur ta' erba' soldi u nofs

(Ritratti: Mill-arkivju tal-awtur)

**Referenzi**


1 FDR Library – *Day by Day,* 8 ta' Diċembru, 1943: http://www.fdrlibrary.marist.edu/daybyday/daylog/december-8th-1943/

2 *idem*

3 Il-Willis Jeep li ntużat għal dik l-okkażjoni kienet imsemmija 'Husky' u llum tinsab fil-Mużew tal-Gwerra l-Belt Valletta. 'Husky' kien l-isem li ngħata lill-operazzjoni tal-invażjoni ta' Sqallija

4 '*Army News*', Darwin – Awstralja, 14 ta' Diċembru 1943, p. 4

5 '*Gettysburg Times*', 10 ta' Diċembru 1943, faċċata ta' quddiem

6 Gerhard Peters u John T. Woolley, *The American Presidency Project. http://www.presidency.ucsb.edu/ws/?pid=16350*

7 Philip Vella, *Malta Blitzed but not Beaten,* pp.197

8 Philip Vella, *op. cit.,* p.199

9 B.W. Webber, '*A Scroll for Malta*', Melita Historica 6 (1975), pp.339-341

10 *Government Book Talk,* GPO, FDR and Malta Citation: http://govbooktalk.gpo.gov/?s=malta+Citation

11 *The Advocate*, Tasmania, 11 ta' Diċembru 1943